MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2012

Talba Numru. 1023/2011

**Pisani Saviour**

**Vs**

**Tedesco Charles u Magaret**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Dicembru, 2011 fejn l-attur talab illi konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur is-somma komplessiva ta' hames mija tmienja u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€528.29) rapprezentanti erbgha mija u tmienja u sebghin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€478.29) arretrati tà konsum tad-dawl u ilma in konnessjoni mal-fond 'Holly' No 25 Triq ir-ratal Swieqi mikri lill intimati skond ftehim datat 17 tà Awissu, 2010 u hamsin Ewro

(€50) spejjez inkorsi mir-rikorrent biex inehhi ghamara illi thalliet mill-intimati.

Bl-imghax u bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-intimati minn issa ingunti in subizzjoni.

Ra li l-intimati gew debitament notifikati u pprezentaw risposta fit-18 tà Jannar, 2012 fejn eccepew li l-ammont mitlub huwa skorret u l-ammont li verament huwa dovut huwa tà tmintax il ewro u disgha u sebghin centezmu.

It-Tribunal ra l-affidavit tà Saviour Pisani, sema x-xhieda tà Michael Buttigieg Senior Executive mal-ARMS Ltd li spjega l-kontijiet.

It-Tribunal ra c-cessjoni tal-attur fir-rigward tas-sorte filwaqt illi zamm ferm il-kap tà spejjez.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur giet imhallsa t-Tribunal kkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------